# It-Turiżmu ’l Barra minn Malta: K3/2024

NR 214/2024 Data tal-Ħruġ: 14 ta’ Novembru 2024

*Fit-tielet kwart tal-2024, it-turisti kollha li ħarġu ’l barra mill-pajjiż, li fil-fatt huma r-residenti ta’ Malta li siefru, kienu stmati li jilħqu l-273,082, żieda ta’ 10.1 fil-mija meta mqabbiln mal-istess perjodu ta’ sena qabel. L-iljieli kollha mqattgħin barra mill-pajjiż żdiedu bi 3.6 fil-mija u laħqu l-1,883,519.*




**Lulju-Settembru 2024**

Matul it-tliet xhur trattati f’din l-istqarrija, saru b’kollox 196,271 safra ’l barra mill-pajjiż għall-btala; warajhom kien hemm 44,598 safra li saru għal żjarat lill-ħbieb u l-qraba. Il-biċċa l-kbira ta’ dawn it-turisti kellhom bejn il-25 u l-44 sena (44.9 fil-mija), filwaqt li warajhom kien hemm dawk fil-kategorija ta’ bejn il-45 u l-64 sena (26.6 fil-mija) (Tabella nru 1).

It-turisti li siefru biex imorru f’pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u t-turisti l-oħra li telqu biex imorru f’pajjiżi oħra żdiedu bi 11.6 fil-mija u b’4.4 fil-mija, rispettivament. L-Italja baqgħet il-pajjiż fejn l-aktar li jmorru n-nies minn Malta, b’persentaġġ ta’ 44.1 fil-mija tas-safar kollu (Tabella nru 6).

L-iljieli kollha mqattgħin mit-turisti li siefru fit-tielet kwart tal-2024 kważi laħqu l-1.9 miljun lejl. L-akbar għadd ta’ dawn l-iljieli (57.3 fil-mija) kien mqatta’ f’akkomodazzjonijiet mikrija (Tabella nru 3). Matul dan is-safar, it-turisti qagħdu medja ta’ 6.9 ljieli (Tabella nru 1).

Sena għal sena, bejn Lulju u Settembru, l-infiq kollu mit-turisti li ħarġu ’l barra mill-pajjiż laħaq il-€267.5 miljun, li jiġi daqs medja ta’ €979 kull persuna (Tabelli nri 4 u 5).

**Jannar-Settembru 2024**

Fl-ewwel tliet kwarti tas-sena 2024, is-safar kollu ’l barra minn Malta laħaq is-641,480 safra (Tabella nru 7), li huma żieda ta’ 7.7 fil-mija meta mqabblin mal-istess perjodu tal-2023 (Tabella nru 7). L-iljieli mqattgħin minnhom telgħu bi 3.4 fil-mija, u kważi laħqu l-4.3 miljun lejl (Tabella nru 9). Barra minn hekk, l-infiq kollu minfuq minnhom kien stmat li laħaq il-€597.4 miljun, li jiġi 10.9 fil-mija aktar minn dak irreġistrat fl-istess perjodu fis-sena ta’ qabel (Tabella nru 10).

## Ċart nru 1. L-għadd sħiħ ta’ turisti li siefru ’l barra minn Malta, biż-żmien




## Ċart nru 2. It-tul medju taż-żjajjar bis-sena u t-tip ta’ akkomodazzjoni

Lulju-Settembru




## Ċart nru 3a. L-infiq sħiħ, ras għal ras, mit-turisti li siefru ’l barra minn Malta

Lulju-Settembru




## Ċart nru 3b. L-infiq sħiħ, kull lejl, mit-turisti li siefru ’l barra minn Malta

Lulju-Settembru




## Ċart nru 4. L-infiq medju, ras għal ras, bid-destinazzjoni fejn ikunu marru t-turisti

Lulju-Settembru

